MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 26/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**
**Vs**

**Camilleri Denise**
**ID 550484M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,369.56) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40161774 u A/C50980260 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkarti Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv bin-numru A/C 40161774 u Dok IZY3 u Dok IZY4 - prospett u ftehum ghall-akkont relattiv bin-numru A/C50980260 u Dok IZY5 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY6 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2015 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,369.56) bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------